



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 29.6.2007
KUMM(2007) 370 finali

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI
LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

dwar il-ġestjoni ta' drittijiet tat-tħawwil

skond il-Kapitolu I tat-Titlu II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999

WERREJ

1.	Introduzzjoni	3
2.	Drittijiet tat-ħawwil ġodda	4
2.1.	Drittijiet tat-ħawwil ġodda ta' natura amministrattiva	4
2.2.	Drittijiet tat-ħawwil ġodda biex tintlaħaq id-domanda għal nbejjed ta' kwalità prodotti fregjuni speċifiċi (nbejjed ta' kwalità psr) u nbejjed tal-mejda b'indikazzjoni ġeografika.....	4
3.	Tibdiliet fil-potenzjal tal-produzzjoni	6
3.1.	Drittijiet miżmuma mill-produtturi tat-ħawwil mill-ġdid	6
3.2.	Riżervi ta' drittijiet tat-ħawwil (jew “sistema mhux tar-riżerva”)	7
3.3.	Żoni mħawla bid-dwieli	10
3.4.	Il-potenzjal totali għall-produzzjoni.....	11
4.	Ir-regolarizzazzjoni ta' tħawwil irregolari	12

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar il-ġestjoni ta' drittijiet tat-tħawwil

skond il-Kapitolu I tat-Titlu II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni fis-suq (OKS) ta' l-inbid¹, fl-Artikolu 7(3) jipprovdi li “*Sal-31 ta' Diċembru 2003, u fuq intervalli ta' tliet snin mid-data, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lejn il-Parlament Ewropew u lejn il-Kunsill dwar l-operazzjoni ta' dan il-Kapitolu [jiġifieri l-kapitolu dwar 'Tħawwil ta' Dwiel]. Ir-rapport jista' jiġi akkumpanjat, jekk xieraq, bi proposti dwar l-għoti ulterjuri ta' drittijiet tat-tħawwil maħluqin ġodda.*” F'konformità ma' dan l-obbligu, ġie ppreżentat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kmieni fl-2004².

Dan id-dokument maħsub biex ikun l-aġġornament tar-rapport ta' l-2004. Filwaqt li jagħmel dan,

- sabiex josserva u jivvaluta x-xejriet, jagħmel analiżi ta' l-istokk tal-perjodu sħiħ mid-data ta' l-applikazzjoni ta' l-OKS attwali fl-1 ta' Awissu 2000;
- ma jirrepetix informazzjoni fir-rigward ta' l-ispiegazzjoni ta' l-isfond u l-kontenut tal-leġiżlazzjoni Komunitarja. Fejn xieraq, l-istruttura ta' dan ir-rapport issegwi dik tar-rapport ta' l-2004;
- l-ambitu twessa' biex jiġu inklużi l-għaxar Stati Membri ġodda li ssieħbu fl-1 ta' Mejju 2004 (UE 10) iżda mhux għal dawk l-Istati Membri li ssieħbu fl-1 ta' Jannar 2007. Madankollu, għal finijiet ta' preżentazzjoni aħjar, u peress li d-dejta għall-Istati Membri ġodda hija disponibbli għal perjodu iqsar biss, il-grafs f'dan id-dokument jippreżentaw biss dejta ta' dawk l-Istati Membri li kienu membri tal-Komunità qabel l-2004 (UE 15).

Id-dixxiplina fil-komunikazzjoni ta' l-Istati Membri tjiebet b'mod konsiderevoli dawn l-aħħar snin. Minbarra dan, bħala riżultat tal-kontrolli (missjonijiet ta' ikklerjar ta' kontijiet) li saru mis-servizzi tal-Kummissjoni, id-dejta kkomunikata fil-qafas tar-regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1227/2000³ saret aktar konsistenti mad-dejtabejż (ir-reġistru tad-dwiel) miżmuma mill-Istati Membri

Madankollu, minkejja t-titjib fid-disponibilità tad-dejta, fċerti każijiet għadhom ma ġewx ikkomunikati. Sabiex tingħata stampa tajba kemm jista' jkun minkejja din id-dejta nieqsa, iċ-ċifri tas-sena ta' nbid ta' qabel jew, fejn meħtieġ, ta' wara, intużaw fxi tabelli u grafs, sabiex tingħata stampa bejn wieħed u ieħor tas-sitwazzjoni u tax-xejri. F'dawn il-każijiet, iċ-ċifri

¹ ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1.

² COM(2004) 161 finali ta' l-12.3.2004.

³ li jistabbilixxi r-regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 fir-rigward tal-potenzjal għall-produzzjoni (ĠU L 143, 16.6.2000, p. 1).

meħudin mis-sena ta' nbid ta' qabel/ta' wara huma indikati bit-tipa korsiva. Kodiċijiet oħrajn li ntużaw fit-tabella huma dawn: MR = mhux rilevanti, MK = mhux komunikati.

Dan ir-rapport maħsub biex ikun purament fattwali u ma fih l-ebda rakkomandazzjoni ta' politika. Madankollu, jipprovdi informazzjoni utli fl-isfond fil-kuntest tad-dibattitu li għadu għaddej dwar ir-riforma fl-inbid ta' l-OKS mniedja bil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ġunju 2006⁴.

2. DRITTIJET TAT-TĦAWWIL ġODDA

2.1. Drittijiet tat-tħawwil ġodda ta' natura amministrattiva

Id-drittijiet ta' tħawwil ġodda ta' natura amministrattiva huma definiti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999. Id-drittijiet ta' tħawwil ġodda mogħtija skond din id-dispożizzjoni matul il-perjodu 2000-2006 huma dawn:

Tabella 1. Żoni fejn ingħataw drittijiet addizzjonali tat-tħawwil

(ettari)	Xiri obbligatorju	Konsolidazzjoni ta' l-art	Esperimenti	Mixtliet għat-tilqim	Konsum tal-familja	Total
<i>Ir-Repubblika Ċeka</i>	0,00	117,99	4,34	0,00	0,00	122,33
<i>Il-Ġermanja</i>	0,00	4,95	7,84	0,00	0,63	13,42
<i>Spanja</i>	182,58	282,75	36,55	92,55	0,00	594,43
<i>Franza</i>	16,29	18,30	19,17	61,36	0,00	115,12
<i>L-Italja</i>	19,28	5,02	97,83	151,07	4 292,21	4 565,41
<i>Il-Portugall</i>	0,00	0,00	0,80	27,73	0,00	28,53
<i>Is-Slovakkja</i>	0,00	0,00	0,00	617,00	0,00	617,00
Total	218,15	429,02	166,54	949,70	4 292,84	6 056,25

Sors: Komunikazzjonijiet ta' l-Istati Membri skond it-Tabella 2.1 ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1227/2000.

L-ebda drittijiet tat-tħawwil ta' natura amministrattiva ma ngħataw matul il-perjodu msemmi fil-Greċja, Ċipru, il-Lussemburgo, l-Ungaria, Malta, l-Awstrija u s-Slovenja.

2.2. Drittijiet tat-tħawwil ġodda biex tintlaħaq id-domanda għal nbejjed ta' kwalità prodotti f'reġjuni speċifiċi (nbejjed ta' kwalità psr) u nbejjed tal-mejda b'indikazzjoni ġeografika

Mill-“kwota” tad-drittijiet tat-tħawwil maħluqin ġodda kif ipprovduti fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, id-drittijiet tat-tħawwil ġodda setgħu ngħataw mill-Istati Membri sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2003 għall-produzzjoni ta' nbejjed ta' kwalità psr jew inbejjed tal-mejda deskritti permezz ta' indikazzjonijiet ġeografiċi fejn ikun rikonoxxut li, minħabba l-kwalità tagħhom, il-produzzjoni ta' l-inbejjed in kwistjoni kienu wisq anqas mid-domanda (ara l-Artikolu 3(2) sa (5) u l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999). L-adozzjoni tal-“kwota” għal drittijiet tat-tħawwil maħluqin ġodda tat-tħawwil jidhru fit-Tabella 2.

⁴ COM(2006) 319 finali tat-22.6.2006.

Tabella 2. L-użu tad-drittijiet tat-tħawwil maħluqin ġodda għat-tħawwil tad-dwieli biex jipproduċu nbejjed ta' kwalità u nbejjed tal-mejda b'indikazzjoni ġeografika

	Drittijiet tat-tħawwil ġodda (Art. 3(2) tar-R. 1493/1999) (ettari)	“Kwota” (Art. 6(1) tar-R. 1493/1999) (ettari)	Perċentwal ta' użu (%)
<i>Il-Ġermanja</i>	471	1 534	31
<i>Il-Greċċa</i>	1 098	1 098	100
<i>Spanja</i>	17 107	17 355	99
<i>Franza</i>	9 377	13 565	69
<i>L-Italja</i>	3 688	12 933	29
<i>Il-Lussemburgu</i>	0	18	0
<i>L-Awstrija</i>	0	737	0
<i>Il-Portugall</i>	3 041	3 760	81
Total	34 783	51 000	68

Sors: Komunikazzjonijiet ta' l-Istati Membri skond it-Tabella 2.2 ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1227/2000 u l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999.

L-utilizzazzjoni ta' dawn id-drittijiet tat-tħawwil jidhru fit-Tabella 3.

Tabella 3. Żoni fejn ingħataw drittijiet tat-tħawwil ġodda biex tintlaħaq id-domanda għal nbejjed ta' kwalità u nbejjed tal-mejda b'indikazzjoni ġeografika

2000/2001– 2002/2003	Nbejjed ta' kwalità (ettari)	Nbejjed tal- mejda bl-IĠ (ettari)	TOTAL (ettari)	% ta' nbejjed ta' kwalità
<i>Il-Ġermanja</i>	471	0	471	100
<i>Il-Greċċa</i>	362	736	1 098	33
<i>Spanja</i>	16 126	981	17 107	94
<i>Franza</i>	6 875	2 502	9 377	73
<i>L-Italja</i>	3 423	265	3 688	93
<i>Il-Lussemburgu</i>	0	0	0	–
<i>L-Awstrija</i>	0	0	0	–
<i>Il-Portugall</i>	2 456	585	3 041	81
Total	29 714	5 069	34 783	85

Sors: Komunikazzjonijiet ta' l-Istati Membri skond it-Tabella 2.2 ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1227/2000.

Skond l-Att ta' l-Adežjoni⁵, ir-Repubblika Ċeka ngħatat 385,23 ettaru ta' drittijiet tat-tħawwil maħluqin ġodda għall-produzzjoni ta' nbejjed ta' kwalità psr li kellhom jiġu allokati lir-riżerva.

Bl-istess Att ta' Adeżjoni, drittijiet tat-tħawwil maħluqin ġodda ġew allokati lil Malta għall-produzzjoni ta' nbejjed ta' kwalità psr sa żona totali mħawla għall-inbid ta' 1 000 ettaru. Dik il-parti ta' dawn id-drittijiet li ma ġietx użata sas-sena 2005/2006 kellha tiġi allokata lir-riżerva.

3. TIBDILIEF FIL-POTENZJAL TAL-PRODUZZJONI

3.1. Drittijiet miżmuma mill-produtturi tat-tħawwil mill-ġdid

L-ammont ta' tħawwil mill-ġdid miżmum mill-produtturi skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 u l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1227/2000 jidhru fit-Tabella 4 u fil-Graf 1.


Tabella 4. Drittijiet tat-tħawwil mill-ġdid li kellhom il-produtturi

(ettari)	2000/2001	2001/2002	2002/2003	2003/2004	2004/2005	2005/2006
<i>Ir-Repubblika Ċeka</i>	MR	MR	MR	0	154	192
<i>Il-Ġermanja</i>	3 900	4 235	4 184	4 366	4 436	4 285
<i>Il-Greċja</i>	2 376	2 376	560	1 682	1 206	987
<i>Spanja</i>	74 189	83 315	80 949	82 814	88 475	88 412
<i>Franza</i>	45 094	47 611	51 942	44 823	43 749	43 702
<i>L-Italja</i>	42 056	44 448	41 103	47 748	46 502	52 465
<i>Ċipru</i>	MR	MR	MR	467	596	596
<i>Il-Lussemburgu</i>	0	0	0	12	0	0
<i>L-Ungerija</i>	MR	MR	MR	12 509	13 525	14 266
<i>Malta</i>	MR	MR	MR	0	0	0
<i>L-Awstrija</i>	12 592	12 695	5 313	5 501	8 897	9 030
<i>Il-Portugall</i>	12 809	10 737	12 045	13 541	17 124	17 124
<i>Is-Slovenja</i>	MR	MR	MR	0	276	251
<i>Is-Slovakja</i>	MR	MR	MR	0	500	500
<i>Subtotal UE 15</i>	193 016	205 417	196 097	200 488	210 390	216 004
<i>Subtotal UE 10</i>	MR	MR	MR	12 976	15 051	15 805
Total	193 016	205 417	196 097	213 463	225 441	231 809

Sors: Komunikazzjonijiet ta' l-Istati Membri skond it-Tabella 7.2 u fejn japplika, it-Tabella 7.1 ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1227/2000.

⁵ Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet għall-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika ta' Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakja u l-emendi ġħat-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea – Anness II: Il-lista msemmija fl-Artikolu 20 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni – 6. Agrikoltura – A. Leġiżlazzjoni dwar l-agrikoltura (ĠU 236, 23.9.2003, p. 346–380).

Grafika 1 Drittijiet tat-tħawwil mill-ġdid li kellhom il-produtturi (ettari, UE-15)



3.2. Riżervi ta' drittijiet tat-tħawwil (jew “sistema mhux tar-riżerva”)

Skond l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, l-Istati Membri għandhom joħolqu riżerva nazzjonali, u/jew skond ma jkun il-każ kif ikun, riżervi reġjonali, ta' drittijiet ta' tħawwil. B'deroga, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jimplimentawx is-sistema ta' riżerva sakemm ikunu jistgħu jgħid prova li teżisti *sistema effettiva għat-tmexxija tad-drittijiet tat-tħawwil fit-territorju kollu tagħhom* (ara l-Artikolu 5(8) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999).

It-Tabella 5 turi liema Stati Membri japplikaw sistema ta' riżerva u fuq liema livell.

Tabella 5. Sistemi ta' riżerva

	Ir-riżerva nazzjonali	Riżervi reġjonali	"Sistema mhux ta' riżerva"
<i>Ir-Repubblika Ċeka</i>	iva	le	le
<i>Il-Germanja⁶</i>	le	iva	iva
<i>Il-Greċja</i>	iva	le	le
<i>Spanja</i>	iva	iva	le
<i>Franza</i>	iva	le	le
<i>L-Italja</i>	le	iva	le
<i>Ċipru</i>	iva	le	le
<i>Il-Lussemburgu</i>	le	le	iva
<i>L-Ungerija</i>	le	le	iva
<i>Malta</i>	iva	le	le
<i>L-Awstrija</i>	iva	iva	le
<i>Il-Portugall</i>	iva	le	le
<i>Is-Slovenja</i>	iva	le	le
<i>Is-Slovakkja</i>	iva	le	le

Sors: Komunikazzjonijiet ta' l-Istati Membri

L-Istati Membri ġodda kollha adottaw sistema ta' riżerva nazzjonali, minbarra l-Ungerija li għaż-żejt is-“sistema effettiva”.

It-Tabella 6 turi l-kwantità tad-drittijiet eżistenti tat-thawwil fir-riżervi.

Tabella 6. Drittijiet eżistenti tat-tħawwil fir-riżervi nazzjonali/reġjonali

(ettari)	2000/2001	2001/2002	2002/2003	2003/2004	2004/2005	2005/2006
<i>Ir-Repubblika Ċeka</i>	MR	MR	MR	385	385	263
<i>Il-Ġermanja</i>	65	200	178	165	207	235
<i>Il-Greċja</i>	0	0	0	4 161	3 129	555
<i>Spanja</i>	4 448	7 457	6 242	7 789	8 913	11 519
<i>Franza</i>	0	MK	MK	6 286	7 580	9 475
<i>L-Italja</i>	109	658	2 780	8 679	7 671	6 173
<i>Ċipru</i>	MR	MR	MR	2 000	1 998	1 998
<i>Il-Lussemburgu</i>	MR	MR	MR	MR	MR	MR
<i>L-Ungerija</i>	MR	MR	MR	MR	MR	MR
<i>Malta</i>	0	0	0	0	0	MK
<i>L-Awstrija</i>	50	50	7 745	7 396	7 756	7 965
<i>Il-Portugall</i>	206	206	208	590	590	606
<i>Is-Slovenja</i>	MR	MR	MR	5 609	4 249	4 148
<i>Is-Slovakkja</i>	MR	MR	MR	2 037	1 052	1 052
Subtotal UE 15	4 878	8 571	17 153	35 066	35 846	36 528


⁶

Il-Ġermanja għandha sistema mħallta Riżervi fċerti reġjuni u is-“sistema effettiva” fohrajn.

Subtotal UE 10	MR	MR	MR	10 031	7 684	7 460
Total	4 878	8 571	17 153	45 097	43 529	43 988

Sors: Komunikazzjonijiet ta' l-Istati Membri skond it-Tabella 7.2 u fejn japplika, it-Tabella 7.1 ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1227/2000.

Grafika 2 Drittijiet tat-tħawwil fir-riżerva (ettari, UE-15)



Iċ-ċifri ppreżentati fit-Tabella 4 (drittijiet tat-tħawwil mill-ġdid li kellhom il-produtturi) u aktar u aktar dawk fit-Tabella 6 (drittijiet tat-tħawwil fir-riżerva) u t-Tabella 9 (total tad-drittijiet tat-tħawwil) juru xejra dejjem tiżdied ta' l-akkumulazzjoni tad-drittijiet tat-tħawwil. Dan jista' juri n-nuqqas ta' interess tal-produtturi li jħawwl iżda wkoll il-limitazzjonijiet fċerti Stati Membri fl-awtorizzazzjoni tad-drittijiet tat-tħawwil u tat-tħawwil mill-ġdid minħabba sitwazzjoni fis-suq mhux favorevoli. L-allokazzjoni tad-drittijiet tat-tħawwil maħluqin ġoddha għar-riżervi tista' wkoll tkun raġuni għaż-żieda fid-drittijiet tat-tħawwil għalihom.

3.3. Żoni mħawla bid-dwieli

Tabella 7. Żoni mħawla bid-dwieli

(ettari)	2000/2001	2001/2002	2002/2003	2003/2004	2004/2005	2005/2006
<i>Ir-Repubblika Ċeka</i>	MR	MR	MR	19 262	19 107	19 081
<i>Il-Ġermanja</i>	104 211	103 527	103 122	102 714	102 483	102 432
<i>Il-Greċċa</i>	77 589	77 589	80 794	64 778	66 284	66 682
<i>Spanja</i>	1 124 433	1 115 322	1 120 568	1 116 950	1 104 512	1 099 765
<i>Franza</i>	902 908	907 669	896 155	893 073	897 067	879 859
<i>L-Italja</i>	772 513	768 995	748 680	728 213	726 985	730 439
<i>Ċipru</i>	MR	MR	MR	16 811	15 047	13 068 ⁷
<i>Il-Lussemburgu</i>	1 342	1 342	1 309	1 293	1 300	1 299
<i>L-Ungerija</i>	MR	MR	MR	87 017	86 000	85 260
<i>Malta</i>	MR	MR	MR	710	840	910
<i>L-Awstrija</i>	50 456	50 350	51 136	51 030	50 988	50 681
<i>Il-Portugall</i>	238 073	240 265	241 119	239 952	236 704	238 831
<i>Is-Slovenja</i>	MR	MR	MR	16 351	16 597	16 704
<i>Is-Slovakkja</i>	MR	MR	MR	21 047	21 531	21 531
Subtotal UE 15	3 271 525	3 265 059	3 242 884	3 198 002	3 186 324	3 169 988
Subtotal UE 10	MR	MR	MR	161 197	159 122	156 554
Total	3 271 525	3 265 059	3 242 884	3 359 199	3 345 446	3 326 542

Sors: Komunikazzjonijiet ta' l-Istati Membri skond it-Tabella 7.2 u fejn japplika, it-Tabella 7.1 ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1227/2000.

Iż-żoni mħawlin bid-dwieli ilhom jonqsu b'mod kostanti matul is-snин ikkunsidrati. Iż-żieda fiż-żoni totali tad-dwieli fl-UE matul l-2003/2004 tista' tīgi attribwita għat-tkabbir tal-Komunità iżda minn dak iż-żmien, ix-xejra għat-tnaqqis issoktat.

Il-miżura għat-tindif taż-żoni tad-dwieli skond l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 tista' tikkontribwixxi għat-tnaqqis: ġie applikat fuq skala relattivament akbar fil-Ġermanja (1 514-il ettaru ġew imnaddfa bejn l-2000/2001 u l-2005/2006), fi Franza (15 340 ettaru mnaddfa bejn l-2000/2001 u l-2005/2006), f'Ċipru (1 979 ettaru mnaddfa fl-2004/2005) u fl-Ungerija (3 574 ettaru mnaddfa fl-2005/2006)⁸.

Barra minn dan, it-tnaqqis fiż-żona attwalment imħawla, kif ukoll iż-żieda tad-disponibilità għall-produtturi tad-drittijiet tat-tħawwil mill-ġdid jistgħu jiġu attribwiti parzjalment għaż-żieda fit-tindif fi ħdan l-iskema ta' ristruttrizzazzjoni u konverżjoni.

Madankollu, it-tnaqqis fiż-żona attwalment imħawla huwa ogħla miż-żieda tad-drittijiet tat-tħawwil mill-ġdid, li juri li apparentement, żoni jiġu abbandunati għat-tindif mingħajr laġġu (*premium*) u mingħajr ma l-produtturi jistaqsu għad-dritt ta' tħawwil mill-ġdid, li huwa sinjal

⁷ Id-dejta għal Ċipru għadha ma ġietx ikkomunikata għas-sena ta' l-inbid 2005/2006; Iċ-ċifra indikata għal din is-sena tirrappreżenta ż-żona bid-dwieli fis-sena ta' qabel minbarra ż-żona fejn saret it-tindif mill-ġheruq.

⁸ Sors: Komunikazzjonijiet ta' l-Istati Membri skond it-Tabella 3.1 ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1227/2000.

ieħor tas-sitwazzjoni sfavorevoli fis-suq fis-settur ta' l-inbid. Din is-suppożizzjoni tidher li hija kkonfermata wkoll mid-dejta dwar il-potenzjal għall-produzzjoni totali (ara t-Tabella 8).

3.4. Il-potenzjal totali għall-produzzjoni

It-Tabella 8 turi t-totalità tal-potenzjal għall-produzzjoni Komunitarja, inkluż iż-żoni attwalment imħawla u d-drittijiet kollha tat-tħawwil, kemm jekk miżmuma mill-produtturi jew attribwiti għal riżerva.

Tabella 8. Potenzjal stmat ta' produzzjoni Komunitarja

(ettari)	2000/2001	2001/2002	2002/2003	2003/2004	2004/2005	2005/2006
<i>Ir-Repubblika Ċeka</i>	MR	MR	MR	19 647	19 647	19 647
<i>Il-Ġermanja</i>	108 419	108 065	107 578	107 332	107 158	106 976
<i>Il-Greċja</i>	80 016	80 016	81 354	71 718	71 302	71 243
<i>Spanja</i>	1 216 007	1 213 221	1 211 149	1 209 093	1 201 931	1 199 696
<i>Franza</i>	949 389	957 220	951 123	944 182	948 396	933 036
<i>L-Italja</i>	822 932	819 380	799 937	790 622	786 644	796 701
<i>Ċipru</i>	MR	MR	MR	19 278	17 641	15 662 ⁷
<i>Il-Lussemburgu</i>	1 342	1 342	1 309	1 305	1 300	1 299
<i>L-Ungaria</i>	MR	MR	MR	99 526	99 525	99 526
<i>Malta</i>	MR	MR	MR	1000	1000	1000
<i>L-Awstrija</i>	63 098	63 094	64 244	63 928	67 641	67 676
<i>Il-Portugall</i>	254 848	252 115	254 847	254 083	254 418	254 164
<i>Is-Slovenja</i>	MR	MR	MR	21 960	21 122	21 103
<i>Is-Slovakja</i>	MR	MR	MR	23 084	23 083	23 083
Subtotal UE 15	3 496 051	3 494 454	3 471 542	3 442 263	3 438 790	3 430 791
Subtotal UE 10	MR	MR	MR	184 494	182 017	180 021
Total	3 496 051	3 494 454	3 471 542	3 626 757	3 620 807	3 610 812

Sors: Komunikazzjonijiet ta' l-Istati Membri skond it-Tabella 7.2 u fejn japplika, it-Tabella 7.1 ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1227/2000.

It-Tabella 8 turi tnaqqis żgħir fil-potenzjal tal-produzzjoni matul is-snin mill-2000 sa l-2006, it-tejn f'dak li għandu x'jaqsam mat-total u fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri, għalkemm fil-każijiet ta' xi wħud minnhom, il-potenzjal għall-produzzjoni baqa' flivell kostanti. Bħal fil-kazż taż-żoni mħawla bid-dwel, iż-żieda fil-potenzjal għall-produzzjoni fl-2003/2004 kienet minħabba t-tkabbir tal-Komunità fl-2004. Dan jagħti prova li s-sistema ta' riżervi għenet biex iżżomm il-potenzjal għall-produzzjoni fuq livell bejn wieħed u ieħor stabbli, billi żammet l-estinzjoni tad-drittijiet tat-tħawwil li ma ġewx attwalment użati.

It-total tad-drittijiet tat-tħawwil fit-Tabella 9 jirrappreżenta t-total tad-drittijiet ġodda allokat iġall għall-produtturi iż-żda li għadhom ma ġewx użati, drittijiet tat-tħawwil mill-ġdid li kellhom il-produtturi, drittijiet ġodda li qeqħdin jistennew l-allokazzjoni għar-riżerva (l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999) u drittijiet eżistenti fir-riżerva.

Tabella 9. Total ta' drittijiet tat-ħawwil

(ettari)	2000/2001	2001/2002	2002/2003	2003/2004	2004/2005	2005/2006
<i>Ir-Repubblika Ċeka</i>	MR	MR	MR	385	540	566
<i>Il-Ġermanja</i>	4 208	4 538	4 456	4 619	4 675	4 543
<i>Il-Greċja</i>	2 427	2 427	560	6 941	5 018	4 562
<i>Spanja</i>	91 574	97 899	90 581	92 143	97 419	99 931
<i>Franza</i>	46481	49 551	54 968	51 109	51 329	53 177
<i>L-Italja</i>	50 419	50 385	51 257	62 410	59 659	66 262
<i>Ċipru</i>	MR	MR	MR	2 467	2 594	2 594
<i>Il-Lussemburgu</i>	0	0	0	12	0	0
<i>L-Ungerija</i>	MR	MR	MR	12 509	13 525	14 266
<i>Malta</i>	MR	MR	MR	290	160	90
<i>L-Awstrija</i>	12 642	12 745	13 108	12 897	16 653	16 995
<i>Il-Portugall</i>	16 775	11 850	13 728	14 131	17 714	15 333
<i>Is-Slovenja</i>	MR	MR	MR	5 609	4 524	4 399
<i>Is-Slovakkja</i>	MR	MR	MR	2 037	1 552	1 552
Subtotal UE 15	224 526	229 395	228 658	244 261	252 466	260 803
Subtotal UE 10	MR	MR	MR	23 297	22 895	23 467
Total	224 526	229 395	228 658	267 558	275 361	284 270

Sors: Komunikazzjonijiet ta' l-Istati Membri skond it-Tabella 7.2 u fejn japplika, it-Tabella 7.1 ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1227/2000.

Fuq is-suppożizzjoni ta' rendita Komunitarja medja ta' 53 ettolitru/ettaru⁹, dan jikkorrispondi għal potenzjal ta' produzzjoni ta' madwar 15-il miljun ettolitru.

4. IR-REGOLARIZZAZZJONI TA' TĦAWWIL IRREGOLARI

L-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 jiipprevedi l-possibilità ta' regolarizzazzjoni ta' dwieli mħawla b'kontravenzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja qabel l-1 ta' Settembru 1998. It-Tabella 10 tagħti ż-żoni li għalihom iddaħħlu applikazzjonijet għal regolarizzazzjoni.

⁹ Rendita fil-medja ta' l-UE-25 matul dawn l-aħħar ħames snin.

Tabella 10. Ir-regolarizzazzjoni ta' tħawwil irregolari

(ettari)	Regolarizzat	Regolarizzazz joni miċħuda	Fil-proċess ta' eżami	Total identifikat ta' tħawwil irregolari
Il-Ġermanja	2	2	0	4
Il-Greċċa	8 141	0	4 128	12 268
Spanja	43 470	11 079	540	55 088
Franza	270	173	0	444
L-Italja	753	6	51 846	52 604
Il-Portugall	60	0	39	100
Total	52 696	11 259	56 552	120 507

Sors: Komunikazzjonijiet ta' l-Istati Membri skond it-Tabella 1 ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1227/2000.

Il-Lussemburgu u l-Awstrija jiddikjaraw li ma rċevew l-ebda applikazzjoni għal regolarizzazzjoni. Fir-rigward ta' l-Istati Membri l-ġodda (l-UE 10) id-dispożizzjoni mhix rilevanti.

L-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 talab li l-proċeduri ta' regolarizzazzjoni jintemmu sal-31 ta' Lulju 2002 iżda diversi Stati Membri Itaqgħu ma' diffikultà fl-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji. Bħala risposta għat-talbiet ta' l-Istati Membri, il-Kummissjoni ddeferixxiet id-data finali: skond l-emenda finali kkonċernata¹⁰, il-possibilità ta' regolarizzazzjoni tintemm fil-31 ta' Diċembru 2007.

¹⁰

Ir-Regolament (KE) Nru 1216/2005 (ĠU L 199, 27.9.2005, p. 32).